**MOVIMENT TA' KANA**
**Quddiesa għall-Għarajjes**
**15 ta' Frar 2014**

**Testimonjanza minn Ian u Mellyora**

**IAN:** Aħna jisimna Ian u Mellyora u illum nixtiequ naqsmu magħkom l-esperjenza tagħna ta' għerusija.

Kien il-wieħed u għoxrin ta' Diċembru, waqt party tal-grupp tal-*Għarajjes, Jien Magħkom Dejjem*, meta ġejna avviċinati minn Charles u Mary Ann Giacchino (li jmexxu dan il-grupp) u qalulna sabiex nippreparaw *speech* għall-quddiesa mal-Arċisqof. Dakinhar, waqt il-party kulħadd kellu jieħu xi ħaġa tal-ikel u jien kont għamilt tadam mimli.

Ifhem, nitkellem għalija (nispeċifika li għalija għax ma rridx naqla' daqtejn wara l-quddiesa), mhux għax iddejjaqt li qalulna imma ma nistax ngħid li kienet ix-xewqa sigrieta ta' ħajti li niġi hawn u nitla' nitkellem ma' 500 koppja fuqi nnifsi. Nista' ngħid li dak il-ħin li qalulna (għadni niftakar li kienu id-disgħa neqsin għaxar minuti) għedt … Mulej, aħjar meta mort għand tal-ħaxix, qalli li t-tadam kien '*out of stock*' … biex b'hekk kont insib skuża sabiex ma mmorru xejn l-party …

Insomma, kif għedt qabel, ġejna hawn ħalli ngħidulkom ftit fuqna nfusna u kif il-grupp *Jien Magħkom Dejjem* għenna fil-preparazzjoni għaż-żwieġ tagħna, li se jsir xahar ieħor, fit-23 ta' Marzu. Ifhem, inkun sinċier magħkom, xorta spiċċajt nieħu l-ventolin għal qtugħ tan-nifs imma għallinqas Charles u MaryAnn għenuni nnaqqas id-doża għal puff waħda kuljum … ix-xejn xejn hux?

**MELLYORA:** Niġu għas-serjeta, jiena u Ian, iltqajna l-ewwel darba fis-sena 2000, f'attività organiżżata mill-KDŻ (Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ) li kienet tissejjaħ Festa Żgħażagħ, fejn it-tnejn li aħna tajna l-kontribut tagħna b'mod volontarju (**IAN** jien kelli rwol iktar importanti għax kont *Media coordinator*). Minn hemmhekk, bdejna l-esperjenza ta' ħbiberija tagħna billi konna nattendu diversi gruppi, fejn bis-saħħa ta' dawn il-gruppi sirna nafu aktar il-karattru ta' xulxin. Imma ma konniex noħorġu flimkien. Ħbieb biss.

Bdejna noħorġu flimkien uffiċċjalment fit-10.10.10 (**IAN** u Alla jbierek dan ġie jfisser anniversarju ieħor b'dak kollu li anniversarju jġib miegħu, ċioe ikla, rigal u ġwanni u martin) … ovvjament kienet mixja li ma tkunx taf fejn ser tieħdok.

Meta toħroġ ma' xi ħadd u ssir tafu trid tidra l-gosti ta' dak li jkun, dawk l-affarijiet li jgħoġbuh u dawk l-affarijiet li jdejquh. Allura jien għaraft li Ian iħobb jara l-*films* u li kien għalih nispiċċaw naraw *film* kull nhar ta' Ħadd wara nofsinhar, li ma jħobbx jiekol ħut filgħaxija, u li ma tantx iħobb jaħsel il-mug tat-te u li kien għalih jibqa jixrob fih għal xhur sħaħ mingħajr ma jaħslu.

**IAN:** U jien kelli nidra ngħid ir-rużarju kull meta mmur id-dar t'omma, u li din mhux bħal ommi … li filgħodu ħa tgħidli 'X'ħa nillestilek?' … darba mort id-dar tagħha u sajritli ħut u jien ma kiltux … emmnuni … għamilt ġimgħa qisni f'guva tal-ħamiem … u biex tgħaxxaq reġgħet għamlituli u allura (hawnhekk inneħħi n-nuċċali u ndaħħal subgħajja ġo għajni) kelli ndaħħal subgħajja ġo għajni, nieklu u ngħidilha … kemm hu tajjeb (mingħajr ma nfaħħaraha wisq għax inkella nkun qiegħed nistieden li darb'oħra tgħamilli l-istess) …

Affarijiet oħra li kellna niddiskutu, jew kif jgħidu l-ingliżi, iron out, kienu l-kunjati (Hawnhekk ninżel ħdejhom u ngħidilom 'Għollu subgħajkom: min ikun entużjast li jmur għand il-kunjati sabiex jiltaqa' MAL-KUNJATA?). Ommi tħobb tagħmel il-ganutell u allura kull meta kienet tistaqsini jekk iridx xi bozza, peress li kont naraha tehda kont ngħidilha iva. IMMA (imma) Mellyora ma tantx tħobb l-ganutell u biex tgħaxxaq kull ma għandna flat, allura kellna ħafna u meta ngħid ħafna, ħafna argumenti jaħarqu dwarhom. Kont nispiċċa li meta ommi tiddiskuti dan it-topik ma' Mellyora, jħarsu lejja u jgħiduli x'ħa tagħmel? Għiduli x'jifdal fik … noħroġ ma' Mellyora imma ngħix taħt is-saqaf t'ommi … u xi ngħidu għal ommha? Għamilna ħabta kull meta tarani tgħidli 'Kemm ser taħsel ħwejjeġ, kemm ser issajjar' … ma nafx intom, imma kienet tqabbiżhieli immens …

**MELLYORA:** Barra minn dan kollu, għaddejna minn żmien diffiċli meta Ian kien bla xogħol u dam hekk għal madwar sena … kienu mumenti diffiċli ħafna … li tħabbat fuq diversi bibien għalxejn … kulħadd jittamak għalxejn … nista ngħid li Ian kien vera ħażin … kien żmien diffiċli mhux biss minħabba l-loan li għandna imma li tqum filgħodu u tkun trid taħdem u ma tistax u tispiċċa waħdek id-dar … tirrealiżża li verament ix-xogħol salmura tal-ġisem …

Taqblu miegħi li diffiċli tibqa' miexi bħala koppja mingħajr għajnuna … allura meta ta' Kana qalulna bil-grupp *Għarajjes, Jien Magħkom Dejjem,* għedna, ħa nippruvaw …

Fil-verita, il-laqgħat li organiżżaw kienu jittrattaw argumenti varji bħal, per eżempju, it-tħejjija għaż-żwieġ, l-impatt tat-tfal fuq il-ħajja miżżewġa, l-intimità sesswali u kif ukoll l-immaniġġjar tal-flus; barra minn hekk kienu ppjanati ukoll l-eżerċizzi spiritwali, kif ukoll *live-ins, picnics* u ikliet varji. Allura kien hemm qisu ftit minn kollox, biex ngħidu hekk. L-ispeakers daqqa kienu koppji miżżewġin żgħażagħ jew inkella xi espert fis-suġġett. Barra minn hekk, għoġbuna ukoll l-ħinijiet tal-laqgħat … peress li jien naħdem ġo ħanut, ma nistax nattendi laqgħat li jibdew qabel is-7pm jew li jdumu ħafna, peress li l-għada xogħol kmieni. Allura il-ħin tat-7.45pm u l-fatt li sad-9.15pm nkunu lesti kienu konvenjenti ħafna għalina. Il-fatt li jsiru Birkirkara għen ukoll għax huwa post ċentrali.

**IAN:** Ngħalqu dawn il-kelmtejn billi nħeġġukom tattendu dan il-grupp għax żgur jgħinkom, speċjalment jekk ma għandkomx *spiritual director*. Dun Ġorġ kien jgħid: *Jekk tmur għand ħanut tal-pasti u ma tixtri xejn ħaddieħor jinduna li tkun dħalt fih … minħabba r-riħa li tibqa ġġor miegħek.* U dan huwa l-messaġġ tagħna … anke jekk taħsbu li mhu ħa tieħdu xejn minn dan il-grupp, nassigurakom li xi ħaġa tajba tieħdu żgur (u hawnhekk mhux qiegħed nirreferi għal xi tadama mimlija). Ftakru li jekk mhux ħa taħdmu intom għaż-żwieġ, min ser jaħdem għalikom?

Dan il-laqgħat konna nikkunsidrawhom bħal *grouting* tal-madum, jew biex jifhimna kulħadd (u nqabblu ukoll), il-bajd mal-imqarrun … jgħaqqdu l-affarijiet …

Narawkom …